# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 30 ta' Mejju 2001**

**Avviz. numru 1248/96**

**Numru 30**

**Doreen Cardona**

**vs**

**Anthony Caruana & Sons Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex is-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex l-istess Qorti ma ghandhiex tissospendi l-proceduri tas-subbasta numru 95/96 kontra Jimmy Cardona peress illi l-oggetti maqbuda u li sejrin jigu mibjugha huma taghha biss u mhux ta' zewgha billi hemm divisjoni tal-beni bejn il-konjugi Cardona, vide kopja tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon tat-13 ta' Lulju 1992 u f'dan is-sens u ghal dan ir-rigward l-attrici b'rikors taghha presentat mal-avviz talbet ukoll li din il-Qorti joghgobha tordna is-sospensoni tal-proceduri tas-subbasta ghar-ragunijiet moghjtija fl-istess rikors.

Bl-ispejjez kollha komprizi dawk tar-rikors ghas-sospensjoni fuq imsemmija kontra s-socjeta konvenuta li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta’ kompetenza qed jigi dikjarat illi l-ammont ma jeccedix Lm500.

Rat kif ukoll id-dokumenti annessi mal-istess avviz.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta’ konvenuta (fol 10 tal-atti) li biha eccepiet illi:

(1) Preliminarjament , l-attrici trid taghmel prova ta’ separazzjoni legali u tal-propjeta’ tal-mobbli maqbuda.

(2) Illi l-attrici kienet interpellata b’ittra legali fl-4 ta’ Marzu 1996, u sussegwentement giet notifikata b’avviz Nru 278/96DS tal-Qorti tal-Magistrati dejjem f’isem ir-ragel taghha Jimmy Cardona, u qatt ma nformat lis-socjeta konvenuta fuq is-sitwazzjoni taghha ma’ zewgha.

(3) Illi ghalhekk l-attrici ghandha tehel l-ispejjez gudizzjarji kollha.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, preliminarjament issir refernza ghall-verbali a fol 20, 54, 55, 56 u 59 tal-atti minn fejn jidher li s-socjeta' konvenuta inghatat u kellha l-opportunita' sabiex iggib provi in sostenn tal-eccezzjonijiet imsemmijin, liema provi, pero', qatt ma tressqu.

Ikkunsidrat

Illi, da parti taghha l-attrici, oltre li xehdet (fol 21 et seq tal-atti) ipproduciet diversi dokumenti li jinsabu a fol 2 sa 5 tal-istess atti u a fol 24 sa 53 ibid.

Illi minn dawn il-provi prodotti mill-attrici jirrizulta li, fit-13 ta' Lulju 1992 in atti Dottor Pierre Falzon, kien gie pubblikat l-att esebit a fol 4 u 31 tal-istess atti li bih l-attrici u zewgha, John Mary Cardona ittemmew il-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejniethom u dan b'effett mill-istess data tal-kuntratt. Sussegwentement, bhala konsegwenza ta' sentenza u mandat ta' qbid esekuttiv fl-ismijiet "Anthony Caruana and Sons Limited vs Jimmy Cardona" (fol 27 et seq ibid) kienu gew maqbudin

gredenza u “television” tal-kulur (fol 28 ibid). In rigward dawn iz-zewg oggetti li huma soggetti ghall-bejgh bis-subasta imsemmi fl-avviz, l-attrici, kemm fix-xhieda taghha kemm permezz tad-dokumenti a fol 24 u 25 oltre 2 u 3 tal-atti, sostniet li l-istess oggetti huma taghha personalment.

Ikkunsidrat

Illi a basi tal-imsemmija provi, mhux kontradetti jidher li t-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa’ it-talba attrici kif dedotta mill-istess avviz u tissospendi l-proceduri tas-subbasta numru 95/96 kontra Jimmy Cardona peress illi l-oggetti maqbuda u li sejrin jigu mibjugha huma tal-attrici biss u mhux ta’ zewgha billi hemm divisjoni tal-beni bejn il-konjugi Cardona, vide kopja tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon tat-13 ta’ Lulju 1992 u f’dan is-sens; In rigward l-ispejjes il-Qorti tordna li kull parti tbati l-ispejjes taghha konsiderati c-cirkostanzi ta’ dan il-kaz.

Joseph Guillaumier
Dep.Reg